**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Pierre Walton**

**Illum, 7 ta' Awwissu 2023**

**Il-Qorti:**

Rat li Pierre Walton ta' 53 sena, mwieled Gżira, nhar l-20 ta Settembru 1969, iben Peter u Mary xebba Farrugia, residenti: 71, Mary, Penthouse 3, Triq ir-Rebha, Gżira u detentur tal-karta tal-identità numru 370769M tressaq taħt arrest akkużat talli nhar il-05 ta Awwissu 2023, għal-ħabta tas-06:40 ta filgħaxija ġewwa Felice Brasserie, Triq ix-Xatt, Gżira u/jew f'dawn il-gżejjer:

"…

1. *Ikkawza lil, Tolga Eksi u/jew persuni ohra biza li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra d-dixendenti /axxedenti taghhom; Art 251(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. *Garr 'il-barra minn xi fond u cioe, 71, Mary, Penthouse 3, Triq ir-Rebha, Gzira jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;*

   *Art 6, u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. *B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi (Kodici Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;*

   *Art 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. *F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu;*

   *Art 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5. *Ghamel ingurji jew thedid lil Tolga Eksi u/jew persuni ohra mhux imsemmijin band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazjoni;*

   *Art 339(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

   *…"*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Tolga Eksi u l-impjegati ta' Felice Brasserie billi jiġu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet addizjonalment mitluba li f'każ ta' ħtija jiġu applikati l-provedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u li waqt is-seduta li saret illum l-Qorti Istruttorja fissret lill

imputat l-effetti ta' dan il-kunsens, kif ukoll li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, u dan wara li l-Qorti tatu żmien xieraq u l-fakultà li jikkonsultaw mal-avukat tiegħu. B' hekk il-Qorti Istruttorja ai termini tal-Artikolu 370(4) ikkonvertiet ruħha u saret kompetenti li tittratta l-każ tal-imputat u li tagħti s-sentenza minnufih.

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputat waqt is-seduta tal-lum huwa ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan issospendiet il-kawża, meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, l-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll li skont l-avukat difensur huwa wettaq l-atti msemmija waqt li kien taħt l-influwenza tal-alcahol.

Il-Qorti hija tal fehma li peress li skont il-fedina penali ippreżentata fl-atti din hija l-ewwel darba li l-imputat xellef subajh mal-ġustizzja, piena karċerarja effettiva ma tilħaqx il-għan meħtieġ, cioé dak tar-riforma tal-imputat.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251(3), 338(dd), 338(ff), u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat tikkonferma l-ħtija ta' Pierre Walton, u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati Pierre Walton taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment llum stess.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Pierre Walton bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet imsemmi u li f'każ li huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, b'żieda mal-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, tal-ordni ta' probation, u tad-digriet ta' llum għandhom jiġu komunikati minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation mal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Apparti dan wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Tolga Eksi u d-diriġenti u impjegati ta' Feliċe Braserie tal-Gżira qegħda toħroġ Ordni ta' Protezzjoni għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum

kontra l-ħati skont id-digriet li ngħata kontestwalment ma din is-sentenza u li għandu jifforma parti integrali minnha u li qiegħed jiġi anness magħha, b’dan illi l-ħati huwa projbit milli b’kull mod inkluż permezz ta’ mezzi ta’ telekomunikazzjoni elettroniċi jew b’xi mod ieħor jikkomunika ma jew jiffastidja bi kwalunkwe mod lill- Tolga Eksi u d-diriġenti u impjegati ta’ Feliċe Braserie tal-Gżira. Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi l-effetti ta’ din l-Ordni.

Fl-aħħarnett il-Qorti tordna l-kommunika minnufiħ ta’ din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizia u n-notifika lill-Tolga Eksi u d-diriġenti u impjegati ta’ Feliċe Braserie tal-Gżira.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**

**Maġistrat**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------